VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L.180 tal-2018

ATT DWAR IL-ĦABS
(KAP. 260)

Regolamenti tal-2018 dwar il-Bord għall-Governanza tal-Ħabsijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 6 tal-Att dwar il-Ħabs, il-Ministru responsabbli għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2018 dwar il-Bord għall-Governanza tal-Ħabsijiet.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba l-kuntest ma jeħtieġx xort'oħra:

"Bord" tfisser il-Bord ta' Governanza, stabbilit permezz tar-regolament 3;

"Direttur" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar il-Ħabs; L.S. 260.03.

"Faċilità" tfisser il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u tinkludi kwalunkwe faċilità korrettiva oħra li fir-rigward tagħha l-Ministru jista' jestendi l-ġurisdizzjoni tal-Bord;

"Ministru" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar il-Ħabs. L.S. 260.03.

Twaqqif tal-Bord ta' Governanza.

3. (1) Għandu jkun hemm Bord ta' Governanza sabiex jipprovdi direzzjoni u jagħti pariri fir-rigward tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin jew ta' kwalunkwe faċilità korrettiva oħra li l-Ministru jista' permezz ta' avviż fil-Gazzetta jidentifika.

(2) Il-Bord għandu jkun magħmul, għandu jkollu d-doveri u l-funzjonijiet u jkun maħtur skont kif stabbilit f'dawn ir-regolamenti.

Kompożizzjoni.

4. Il-Bord għandu jkun magħmul minn ħames membri li wieħed minnhom għandu jkun il-President.

Ħatra u żamma tal-kariga.

5. (1) Il-Bord għandu jiġi maħtur mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Ministru, minn fost persuni li għandhom l-għarfien u l-esperjenza f'oqsma bħalma huma d-detenzjoni, is-sigurtà, il-ġusitzzja restorattiva, il-ġestjoni strateġika, il-kriminiloġija, l-amministrazzjoni pubblika, id-dritt u l-ġustizzja kriminali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Il-President u l-membri tal-Bord għandhom jibqgħu fil-kariga għal perijodu ta' mhux aktar minn tliet snin, mill-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jkunu ġew appuntati u għandhom ikunu eleġibbli sabiex jiġu appuntati mill-ġdid.

Funzjonijiet tal-Bord.

6. Il-Bord għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li jiżviluppa viżjoni, għan u direzzjoni għall-Faċilità, għal medda ta' żmien;

(b) li jiżviluppa dokument strateġiku fir-rigward tal-Faċilità għal medda ta' żmien;

(ċ) li jagħti pariri dwar kwalunkwe rakkomandazzjoni li tingħieb quddiemu;

(d) li jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar politiki organizzattivi importanti; u

(e) li jiżgura l-koordinazzjoni xierqa tax-xogħol u tal-funzjonijiet tal-varji bordijiet relatati mal-ħabsijiet:

Iżda d-dokumenti strateġiċi mħejjija skont il-paragrafi (a) u (b) għandhom jiġu sottomessi lill-Ministru għall-approvazzjoni preliminari tiegħu.

Skwalifiki għall-ħatra fuq il-Bord.

7. L-ebda persuna ma għandha tikkwalifika sabiex tiġi appuntata bħala, jew tibqa' membru tal-Bord jekk:

(a) hija membru tal-Kamra tad-Deputati jew tal-Parlament Ewropew; jew

(b) qed isservi bħala Mħallef jew Maġistrat; jew

(ċ) hija legalment interdetta jew inabilitata; jew

(d) ġiet misjuba ħatja ta' reat li jaffettwa l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew ta' frodi jew li konxjament laqgħet għandha proprjetà li tkun ġejja minn serq jew frodi, jew ta' tixħim jew ħasil ta' flus, jew inkella ġiet ikkundannata għal terminu effettiv ta' priġunerija għal kwalunkwe reat, għajr reat involontarju; or

(e) hija suġġetta għal skwalifika taħt l-artikolu 320 tal-Att dwar il-Kumpanniji; jew

Kap. 386.

(f) għandha interess finanzjarju jew xi interess ieħor fi kwalunkwe impriża jew attività li x'aktarx jaffettwa l-qagħdi tal-funzjonijiet tagħha bħala membru tal-Bord:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda l-Prim Ministru jista' jirrilaxxa lil persuna mill-iskwalifika taħt dan il-paragrafu jekk hija tiddikjara l-interess u jekk id-dikjarazzjoni u r-rilaxx jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.

Proċedura.

8. (1) Il-Bord għandu jiltaqa' għallinqas darba fix-xahar f'post stabbilit minnu.

(2) Il-kworum għal-laqgħat għandu jkun ta' tliet persuni.

(3) Id-Direttur tal-Ħabsijiet għandu jipparteċipa fil-laqgħat tal-Bord, mingħajr kapaċità li jivvota u *ex officio*.

(4) Meta jkun hemm post vakanti fuq il-Bord minħabba l-inabilità ta' xi membru li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu għal kwalunkwe raġuni, il-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Ministru għandu mill-aktar fis possibbli jappunta persuna oħra sabiex timla dak il-post vakanti u l-persuna li tkun ġiet hekk appuntata għandha tibqa' fil-kariga għal perijodu rimananti tal-ħatra oriġinali:

Iżda l-Bord jista' jaġixxi minkejja xi post vakanti fost il-membri tiegħu.

Relazzjoni tal-Bord mad-Direttur.

L.S. 260.03.

9. Id-Direttur għandu, kemm jista' jkun, ħlief fi kwistjonijiet urġenti jew kwistjonijiet ta' kuljum ta' amministrazzjoni ordinarja, jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet dixxiplinarji tiegħu f'każijiet individwali, jeżerċita s-setgħat tiegħu taħt ir-Regolamenti dwar il-Ħabs skont il-politiki u d-direzzjonijiet ta' natura ġenerali stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Bord.

Rapport Annwali.

10. (1) Il-Bord għandu, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Marzu ta' kull sena, jissottometti lill-Ministru rapport annwali tal-ħidma tiegħu għas-sena kalendarja preċedenti u l-imsemmi rapport għandu, mill-aktar fis possibbli, jitpoġġa mill-Ministru fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati.

(2) Il-Bord għandu jissottometti d-dokumenti strateġiċi tiegħu lill-Ministru u l-imsemmijin dokumenti strateġiċi għandhom jiġu sottomessi mill-Ministru lill-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tad-Deputati, li għandu jiddiskuti l-ħidmiet u s-sejbien tal-Bord skont kif jidhirlu xieraq.